MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1184/2001/1

**Camel Brand Co. Ltd.**

**v.**

**Michael Debono ezercenti l-kummerc taht l-ismijiet separati**
**Happy Saver Supermarket,**
**RC Supermarket,**
**Savemart Supermarket**
**MA Supermarkets u M.A. Supermarkets Limited.**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

## IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA` ATTRICI

1.1. Is-socjeta` attrici harrket lill-konvenut fil-kwalita` tieghu proprio et nomine kif hemm indikat fl-okkju. Ic-citazzjoni giet istitwita ai termini ta' l-Artikoli 161 sa 170 tal-Kap. 12, izda l-ewwel Qorti tat lill-konvenut il-fakolta` li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet, kif fil-fatt ghamel.

Fil-frattemp pero` s-socjeta` konvenuta M.A. Supermarkets Ltd. ipprezentat nota ta' ammissjoni.

1.2. Is-socjeta` attrici, Camel Brand Co. Ltd, wara li ppremettiet li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu debituri taghha fis-somma ta' Lm6,483.61c rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjughha u konsenjata lilhom jew lil xi hadd minnhom, liema ammont kien cert, likwidu u dovut, talbet lill-Qorti tiddeciedi l-kawza bil-procediment sommarju specjali, u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsuha l-ammont dovut bl-imghax u bl-ispejjez.

## L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT MICHAEL DEBONO

2. Kif gia` inghad *supra*, is-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd. ammettiet it-talbiet dedotti fic-citazzjoni b'nota pprezentata fil-11 ta' Lulju 2001[1]. Izda l-konvenut l-iehor, Michael Debono, eccepixxa *inter alia* li huwa ma kienx debitur tas-socjeta` attrici ghaliex l-ammont reklamat minnha kien dovut mis-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd, li kienet ammettiet it-talba, oltre li d-ditta MA Supermarkets ma tezistix.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'decizjoni taghha tal-21 ta' Marzu 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li ppremettiet li Michael Debono ma kkontestax l-ammont mitlub fic-citazzjoni u lanqas li l-"*invoices*" relattivi mahruga mis-socjeta` attrici kienu

[1] Fol. 13.

kollha intestati f'isem is-supermarket fejn kien ikun tqassam ix-xoghol u mhux f'isem is-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd, ziedet li l-unika haga li riedet tigi determinata sabiex tigi deciza l-vertenza kienet li "peress li matul in-negozju li sehh bejn il-kontendenti (almenu minn dak li rrizulta waqt dawn il-proceduri) ma gie fl-ebda mument indikat espressament li dan kien qieghed jigi gestit minn socjeta` b'responsabbilita` limitata, ossija M.A. Supermarkets Ltd, dan ifisser li Michael Debono huwa personalment responsabbli ghal dan id-debitu?" L-ewwel Qorti kkonkludiet li meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabbilita` limitata, din ghandha l-obbligu li tindika dan bl-aktar mod car lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw ma' l-individwu. B'hekk Michael Debono kien obbligat li jipprova li s-socjeta` attrici kienet giet mgharrfa li n-negozju kien qed jigi gestit mis-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd u billi skond dik il-Qorti dan ma ghamlux, laqghet it-talbiet attrici anke fil-konfront ta' Michael Debono personalment, bl-ispejjez kontra l-konvenuti. A skans ta' ripetizzjoni, kopja tas-sentenza appellata tal-21 ta' Marzu 2002 qed tigi annessa bhala Dok. A mas-sentenza odjerna biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT MICHAEL DEBONO</u>**

4.1. Il-konvenut Michael Debono interpona appell minn din id-decizjoni peress li fl-opinjoni tieghu l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha fuq kawzali diversa minn dik li fuqha bbazat it-talbiet taghha s-socjeta` attrici.

4.2. L-appellant jissostanzja dan billi jghid li d-domandi maghmula waqt il-produzzjoni tal-provi mis-socjeta` attrici kienu juru li din kienet konxja illi d-debitur proprju taghha kienet is-socjeta` konvenuta izda, minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja taghha, is-socjeta` attrici bdiet tipprova tithallas minghand l-appellant proprio. Izid li s-socjeta` appellata tant kienet taf bis-socjeta`, li ntavolat il-kawza wkoll kontra s-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd. Mark Micallef stess kien xehed li meta insista ghall-hlas mal-konvenut dan accertah li d-dejn kien se jithallas u zied li l-konvenut qallu "lanqas jekk naghtihomlok jiena personali". Jissottometti li din hija prova cara illi l-

konvenut ma kenitx il-persuna f'isem min sar in-negozju. Inoltre s-socjeta` appellata kienet qed tipprova tuza l-iskuza li nhargu xi cheques minghajr l-indikazzjoni tas-socjeta`.

4.3. L-appellant jillanja li l-kawzali li fuqha giet bazata l-azzjoni tas-socjeta` attrici hija li l-appellant dahal garanti mas-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' dan id-debitu, u mhux li kien hemm xi incertezza jew dubju fuq l-identita` tal-persuna li maghha kienet qed tinnegozja s-socjeta` attrici. L-ewwel Qorti biddlet din il-kawzali minghajr ebda hjiel u b'hekk ippregudikatu billi l-provi tieghu gew limitati biex jirribattu x-xiehda tas-socjeta` attrici.

4.4. Finalment jissottometti li l-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tidhol fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet, li kienu jkunu flokhom li kieku ma kienx hemm ammissjoni.

4.5. L-appellant talab ghalhekk riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tichad it-talbiet attrici in kwantu dedotti kontra tieghu, u dan ukoll billi jinghata l-opportunita` li jixhed mill-gdid "biex jirribatti l-kawzali li fuqha giet ibbazata l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti".

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` CAMEL BRAND CO. LTD.</u>**

5.1. Is-socjeta` appellata min-naha taghha wiegbet li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni korretta ghaliex hadet in konsiderazzjoni l-kawzali mressqa minnha fl-azzjoni taghha, kif spjegata ahjar fil-provi prodotti. L-appellata tirribatti l-aggravju ta' l-appellant Michael Debono billi tghid li:

i) il-linja ta' domandi li hija hadet fl-ezami tax-xhieda prodotti ttiehdet biex tigi kontradetta t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, ossija "illi s-somma mitluba fic-citazzjoni m'hijiex dovuta minn Michael Debono, pero` hija dovuta mis-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd.";

ii) illi c-chequesipprezentati huma prova tal-fatt li l-pagamenti verament saru fil-kwalita` tieghu personali, u jekk dawn verament hargu hekk b'rizultat ta' zball tal-Bank, l-appellant naqas li jitlob lir-rapprezentanta tal-bank,

tispjega u ticcara r-raguni ghaliex dawn ic-cheques hargu b'dak il-mod;

iii) ir-ragunijiet ghaliex il-proceduri saru kif saru huma ovvji. Hija qatt ma ppretendiet li l-appellant dahal garanti. Kien il-konvenut stess li mill-ewwel ittenta jdawwar l-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti u jizvijaha ghall-kuncetti legali differenti, meta fil-hames eccezzjoni tieghu eccepixxa li (hawnhekk l-appellata mhix korretta – fis-sens li dan intqal fid-dikjarazzjoni maghmulha mill-konvenut ma' l-eccezzjonijiet tieghu) – "ma saret ebda novazzjoni jew ftehim fis-sens illi l-esponenti huwa responsabbli ghad-debitu tal-konvenut M.A. Supermarkets Ltd" u issa qed jipprova jaghmel l-istess sabiex jahrab l-obbligi imposti fuqu mil-ligi.

Ghalhekk is-sentenza appellata kellha tigi kkonfermata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6.1. Din il-Qorti tibda billi tirrileva li bhala Qorti ta' revizjoni, bhala norma hija toqghod fuq il-provi prodotti fl-ewwel istanza u tammetti biss provi godda jew ulterjuri eccezzjonalment u dejjem jekk thoss li jezisti tali bzonn fl-interess tal-gustizzja. It-talba ta' l-appellant biex jerga' jitla' jixhed f'din il-vertenza certament m'hijiex wahda gustifikata ghaliex timplika li b'daqstant din il-Qorti tkun qeghdha tiftah mill-gdid l-istadju tal-gbir ta' provi li facilment setghu ingiebu quddiem l-ewwel Qorti.

6.2. Fil-meritu, jigi qabel xejn rilevat li l-Qrati taghna dejjem irritenew li l-Qorti fid-determinazzjoni tal-kawza ghandha toqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u t-talba kif migjuba fic-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, imma li ma jkunx jidhol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att tac-citazzjoni[2]. Inoltre, l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Gauci et v. Joseph Mugliette**[3] wara li rribadiet l-istess principji ziedet li, "Is-sentenza kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli

[2] Design Elements ltd v. Camilleri Michael Pro et noe – Appell inferjuri 20 ta' Ottubru 2004.
[3] 9 ta' Frar 2001.

ghalihom u tenut kont ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut." Issir ukoll riferenza ghall-Artikolu 156 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

6.3. Minn ezami ta' l-atti tal-kawza u tas-sentenza tal-Prim Istanza jidher bic-car li l-lanjanza ta' l-appellant mhix gustifikata u li l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha fil-fatt illimitat ruhha biex tiddeciedi proprju dak li gie mitlub lilha fic-citazzjoni attrici, wara li kkonsidrat il-provi prodotti, in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut, appellant odjern, u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

6.4. L-appellant issottometta li l-kawzali proprja li fuqha kienet bbazata l-azzjoni attrici kienet dik li huwa dahal garanti ghas-socjeta` konvenuta u mhux li kien hemm xi incertezza jew dubju dwar l-identita` tal-persuna li maghha s-socjeta` attrici kienet innegozjat. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti biddlet din il-kawzali "minghajr ma tat ebda hjiel lill-esponenti dwar din il-linja ta' hsieb u dana bi pregudizzju ghall-istess esponenti billi x-xiehda tieghu giet limitata proprju biex tirribatti x-xhieda ta' l-attur". Din l-asserzjoni m'hijiex korretta. Fil-kaz in ezami, s-socjeta` attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha Lm6,483.61c u dan peress li kienu debituri taghha f'dan l-ammont, prezz ta' merkanzija mibghuta u konsenjata mis-socjeta` attrici fil-kors ta' diversi transazzjonijiet kummercjali li saru bejniethom tul perjodu ta' zmien. Is-socjeta` attrici istitwiet il-kawza kontra aktar minn konvenut wiehed u talbet kundanna fil-konfront taghhom it-tnejn jew min minnhom jinstab responsabbli. Il-premessi fl-att tac-citazzjoni huma generici ghall-ahhar. Il-kawza odjerna bdiet bil-procedura sommarja specjali. Izda, wara li l-konvenut gie moghti l-opportunita` li jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet hu eccepixxa li l-ammont dovut ma kienx dovut minnu izda mis-socjeta` konvenuta M.A. Supermarkets Ltd li, min-naha taghha, ammettiet it-talbiet attrici. Il-konvenut xehed fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2001 billi qal li l-ammont kien dovut mis-socjeta` u li c-cekkijiet esebiti in atti ghalkemm kienu f'isem M.A. Supermarkets u mhux M.A. Supermarkets Ltd, kienu cekkijiet tal-kumpanija, u li l-kelma 'Limited' ma

kenitx tnizzlet minhabba zball min-naha tal-bank[4] u ghal ebda raguni ohra.

6.5. Minn ezami tax-xiehda u tad-dokumentazzjoni prodotti quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta invece li s-socjeta` attrici qatt ma allegat li Michael Debono kien dahal garanti ghad-debitu tas-socjeta` konvenuta. Mark Micallef, rapprezentant tas-socjeta` attrici, xehed[5] li Michael Debono kellu s-supermarkets RC, MA, Merry Saver u xi iehor u li huma kienu ilhom jaghtuh xoghol minn mindu dawn infethu. Huma kienu jibghatu s-“salesman” li kien jiehu l-ordni u jhalli x-xoghol wara li tigi ffirmata l-“invoice” minn Debono jew il-lavranti tieghu. Wara, a bazi ta’ l-istess ‘invoice’, kienu jibghatulu “statements” u hu jhallashom b’cekkijiet. Micallef spjega li meta ra li Debono kien ilu ma jhallas kien mar ikellmu personalment u avzah li kien se jwaqqaflu x-xoghol. Xehed li Debono kien wiegbu “Taqtax qalbek ghall-flus, issaportina u nhallsuk.” u “taqtax qalbek, il-flus tohodhom zgur, lanqas jekk naghtihomlok jien personali”. Izda dan il-kliem li Micallef kien xehed li kien intqal mill-konvenut Debono, f’wahda minn dawn il-laqghat, ma kellhomx jigu interpretati li jfissru li s-socjeta` attrici kienet qed tikkonsidra li Debono kien semplicement dahal garanti tad-debitu tas-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd. Anzi l-fatt li meta kien hemm problemi fil-hlas is-socjeta` attrici rrikorriet ghand Michael Debono u dan ipprometta li l-hlas kien se jsir, u talab anke ftit zmien, jindika bic-car li fil-fehma tas-socjeta` attrici l-klijent kien effettivament il-konvenut Debono. Inoltre, wara wahda minn dawn il-laqghat, Debono kien ghaddielhom numru ta’ “post-dated cheques” iffirmati minnu u intestati M.A. Supermarkets A/C Purchasing[6]. Dawn ic-“cheques” ma gewx onorati u Micallef allura kien rega’ kellem lil Debono dwarhom u l-konvenut baqa’ mieghu li kien se jsarraflu wiehed fil-gimgha. Fil-fatt lahqu ssarrfu tnejn minnhom. Jekk kien minnu li Michael Debono, l-appellant, ghamel uzu minn cekkijiet bi stampar ta’ isem il-mittent zbaljat, ir-responsabbilta` ghal tali nuqqas kienet taqa’ fuqu. Taht tali cirkostanzi huwa qatt ma messu ghamel uzu minn

---

[4] Fol. 16 et seq.
[5] Fol. 43 et seq.
[6] Fol. 6-9.

cekkijiet li, skond hu, ma kienux qed jigu emessi minn MA Supermarkets billi din kienet inezistenti.

6.6. Inoltre fin-nota ta' osservazzjonijiet li gietipprezentata mis-socjeta` attrici din mill-ewwel spjegat kif hija dejjem innegozjat mal-konvenut Michael Debono f'ismu personali bhala negozjant bl-uzu ta' l-isem MA Supermarkets u mhux bhala direttur u f'isem is-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd.

6.7. Ghalhekk isegwi li ma jidhirx illi l-Qorti ssorprendiet b'xi mod lill-konvenut, kif dana qed jippretendi, jew li ppregudikatu fid-difiza tieghu. L-appellant huwa ghal kollox skorrett meta jghid li dik il-Qorti biddlet il-kawzali "minghajr ma tat ebda hjiel lill-esponenti dwar din il-linja ta' hsieb u dana bi pregudizzju ghall-istess esponenti billi x-xiehda tieghu giet limitata proprju biex tirribatti x-xiehda ta' l-attur". Il-konvenut kien konsapevoli tal-fatt li s-socjeta` attrici kienet qeghda tirribatti l-allegazzjoni tieghu kontenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet billi tinsisti li hija kienet nnegozjat mieghu personalment u mhux ma' xi socjeta`, u in effetti f'affidavit qasir pprezentat minnu[7] huwa spjega li hu kien direttur tal-kumpanija M.A. Supermarkets Ltd, li kienet topera hames supermarkets. Zied li hu qatt ma ggestixxa negozju f'ismu jew accetta li jidhol garanti li jhallas xi dejn ta' l-istess kumpanija, anzi jixhed li hu qatt ma qal lil Micallef li kien se jidhol responsabbli ghall-hlas ta' din il-merkanzija. Jekk wiehed imbaghad ihares lejn in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata minnu fil-21 ta' Frar 2002[8] jirrizulta li hu pprova jirribatti dak li kienet qed tallega s-socjeta` attrici billi ssottometta li:

i) Ic-cekkijiet gew iffirmati minnu bhala direttur tas-socjeta` u mhux fil-vesti tieghu personali, u li dawn ic-cekkijiet kienu markati MA Supermarkets A/C Purchasing u dan ma setax jigi miftiehem li hu kien se jaghmel tajjeb ghall-ammont dovut personalment.

[7] Fol. 60.
[8] Fol. 73 et seq.

ii) Hija dejjem persuna fizika li tirrapprezenta socjeta` ghaliex l-innegozjar b'mod ovvju u konkret ma jistax isir minn kumpanija.

iii) Is-socjeta` attrici kienet taf li kienet qed tinnegozja mas-socjeta` konvenuta u infatti kienu ilhom jinnegozjaw flimkien.

iv) Il-fatt li c-cekkijiet ma kienux qed jindikaw li l-kumpanija kienet wahda b'responsabbilita` limitata ma jfisser xejn ghax kwalsiasi terz jista' jhallas dak dovut minn persuna ohra.

Minn ezami tas-sentenza appellata, ma jirrizultax li l-konvenut sofra xi pregudizzju bid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti. Dik id-decizjoni kienet tirrispekkja t-talbiet attrici, fid-dawl tal-provi prodotti u ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, appellant odjern.

6.8. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, kien obbligu ta' l-appellant li jipprova li huwa kien informa lis-socjeta` attrici fil-mument meta kien qed isir in-negozju li kien qed jidher ghan-nom ta' socjeta` b'responsabbilita` limitata u dan ghaliex, kif wara kollox issottometta l-appellant stess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti, in-negozju ma' socjeta` bilfors irid isir tramite persuna fizika.

6.9. Kif kellha l-okkazzjoni tghid il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe v. Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe v. Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992[9]:
"Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;

---
[9] Vol. LXXVI iv 677.

Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;

Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203. Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."

6.10. Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[10] gie ritenut ukoll li,
"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."

U aktar tard ziedet li:
"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."

6.11. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi skarsi prodotti quddiemha. Il-konvenut Debono qatt ma kkontesta l-ammont mitlub u lanqas il-fatt li l-"invoices" mahruga mis-socjeta` konvenuta kienu johorgu fuq isem

[10] 20 ta' Ottubru 2003.

is-supermarket li maghha kienet tithalla l-merkanzija. Skond Debono il-“purchase orders” mahruga mis-socjeta` li taghha kien direttur kienu johorgu f’isem is-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd u b’hekk suppost li l-“invoices” tas-socjeta` attrici kienu johorgu bl-istess mod[11]. B’danakollu ma pproduca l-ebda “purchase order” biex jipprova dak li xehed. Il-konvenut Michael Debono dejjem sostna li s-socjeta` attrici kienet taf li kienet qed tinnegozja mas-socjeta` konvenuta u li hu kien biss intermedjarju izda ma ssostanzjax dan il-fatt – anzi meta gie kkonfrontat bic-cekkijiet ipprezentati mis-socjeta` attrici, li kienu ffirmati minnu u intestati MA Supermarkets A/C Purchasing huwa qal biss li dan kien zball min-naha tal-bank. Huwa veru li l-konvenut ittenta jipprova dan il-fatt billi pproduca ufficjal tal-bank biex tixhed dwaru, u din ikkonfermat li l-kontijiet in kwistjoni kienu kontijiet tas-socjeta` konvenuta u mhux tieghu personali, izda fl-istess waqt jigi nnutat li hija qatt ma ntalbet taghti spjegazzjoni dwar dan il-prezunt zball. Pero` l-fatt li dan il-kont kien wiehed ta’ socjeta` ma jfissirx li s-socjeta` attrici kienet a konoxxenza tal-fatt li hija kienet tinnegozja ma’ socjeta` ohra u mhux ma’ Michael Debono wkoll.

6.12. Finalment, l-argument ta’ l-appellant li peress li giet ipprezentata nota ta’ ammissjoni mis-socjeta` konvenuta, l-Qorti ma kellhiex tidhol fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet huwa inkorett ghaliex wara kollox il-kawza giet istitwita kemm kontra s-socjeta` konvenuta kif ukoll kontra Michael Debono personalment. Michael Debono ikkontesta t-talbiet bil-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet u l-Qorti kellha l-obbligu li tirrizolvi l-vertenza li kellha quddiemha u tiddeciedi min kellu jhallas id-debitu billi mhux biss thares lejn it-talbiet izda anke lejn l-eccezzjonijiet fil-mertu ta’ l-istess Debono, appellant odjern, biex b’hekk tkun verament iddecidiet dak kollu li kienet giet mitluba taghmel. L-appell kollu jirrazenta l-fieragh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell

[11] Fol. 18.

interpost mill-appellant Michael Debono bl-ispejjez kontra tieghu.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza Dok. “A” moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta’ Marzu 2002, qed tigi annessa mas-sentenza odjerna biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------